



# Bhal-Lum.......

Kitba ta' Constantine Busuttil

**165sena Ilu –**
Nhar it-28 t'April il-Kan Vinċenz Chapelle poġġa l-ewwel gebla tal-Knisja ta' Stella Maris wara li ngħata permess mill-Isqof Mons Publiju Sant biex tinbena knisja ġdida. Taħt l-ewwel gebla tpoġġew ir-relikwi tat-12 il-Appostlu. Il-Knisja bdiet tinbena fuq pjanta tal-Perit Giuseppe Bonavia.

**135Sena Ilu-**
Il-Patrijiet Dumnikani tal-Birgu kkonċedew l-art sabiex titkabbar il-Knisja ta' Stella Maris, fejn kellhom jiżdiedu żewġ kappelluni, Sagristija u l-Kor.

**140 Sena Ilu –**
L-Isqof Konti Scicluna f'digriet tat-23 ta' Diċembru 1878 qata' l-knisja ta' Stella Maris minn dik ta' Sant Elena ta' Birkirkara u għamilha Parroċċa, L-ewwel waħda f'Tas-Sliema. Ġiet mogħtija territorju li minbarra Tas-Sliema kien jinkludi l-Gżira. B'daqstant il-konfini tal-Parroċċa kienu jispiċċaw fuq naħa fejn hemm il-bieb tal-Gżira u fuq l-oħra Old College Street. Bħala Vigarju Kurat tal-Parroċċa l-ġdida ġie maħtur Dun Karm Casha Gerada.

**100Sena Ilu –**
Fit-2 ta' Marzu 1918 miet il-Kappillan Dun Vinċenz Manche, huwa kien l-ewwel Kappillan tal-Parroċċa u ta' Tas-Sliema. Dam fil-kariga 34sena. (ara artiklu f'paġna42)



*Il-Knisja ta' Stella Maris kif kienet tidher fl-1878 meta saret L-Ewwel Parroċċa ta' Tas-Sliema*



*Il-Funeral tal-Kappillan Manche*

Fl-okkażjoni tat-twaqqif tal-Parroċċa tal-Madonna tas-Sacro Cuor, Il-Banda Stella Maris għamlet żewġ Programmi mużikali wieħed filgħodu u l-ieħor filgħaxija nhar it-22 ta' Settembru, bl-għan li jinġabru fondi b'risq il-Parroċċa l-ġdida.

F'Ottubru ta' l-istess sena l-Banda Stella Maris taħt id-direzzjoni ta' Mro. Ferdinando Camilleri daqqet fil-ftuħ tas-Savoia Cinema f'Tas-Sliema.

Fil-11 ta' Novembru ġiet fi tmien l-Ewwel Gwerra





Dinjija, dakinhar il-Banda Stella Maris ħarġet iddoqq madwar it-toroq ta' Tas-Sliema fl-okkażjoni tar-Rebħa tal-Gwerra. Ġimgħa war jiġifiri fis-17 ta' Novembru l-Banda għamlet Programm Mużikali ġewwa l-belt Valletta bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet li saru f'pajjiżna fl-okkażjoni tar-Rebħa.

### 95sena Ilu-

Taħt id-direzzjoni tas-Surmast Ferdinando Camilleri il-Banda Stella Maris nhar it-23 ta' Diċembru 1923 esegwit Programm Mużikali ġewwa l-Berġa ta' L-Italja fil-Belt Valletta. Il-Banda kienet mistiedna tagħmel dan il-Programm fl-okkażjoni tal-Exhibition dwar il-British Empire li kienet qed tinżamm fl-istess ħin ta' dik ġewwa l-Kapitali ta' l-imperu, Londra. Il-Programm tal-Banda ġie imfaħħar ħafna tant li ġiet mogħtija midalja tal-Fidda u Diploma għas-sehem tagħha.

### 90Sena Ilu-

Sena mimlija attivitajiet għas-Soċjetà Filarmonika Stella Maris fejn minbarra s-servizzi fil-Festi madwar il-bliet u irħula nsibu l-Banda tirbaħ l-ewwel post fil-kompetizzjoni tal-baned fil-



MALTA CARNIVAL FESTIVITIES

The Committee of Carnival Festivities
has awarded First Prize & Silver Medal
to the "Stella Maris" Band
for the Competition of Grottesque Marches

Carnival 1926

A. Mifsud
Secretary-General Organiser

President

EMPIRE PRESS



*Mro. Giuseppe Camilleri*
*Jieħu l-Banda f'idejh*

Karnival ta' Malta. Ir-riżultat kien hekk 1) Fil. Stella Maris 2) Fil. Sliema 3) Fil. Vittoria Mellieħa.

F'Awwissu ta' l-istess sena nsibu l-Banda Stella Maris tagħmel it-tielet mawra tagħha barra minn Malta fejn għal darb' oħra ġiet mistiedna tagħmel servizz ġewwa Noto, Sqallija fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Corrado. Dan wara s-Sindku ta' Noto, Sig. Salicano kien wera xewqa kbira li jara l-Banda Stella Maris fil-Belt tiegħu. Flimkien mall-Banda u l-kumitat numru kbir ta' partitarji u ammiraturi telqu lejn Noto fejn reġgħet kisbet suċċess enormi tant li ġiet mogħtija Tazza tal-Fidda mill-isbaħ li għada tinżamm b'tant għożża sal-lum fis-sala tal-Każin.

Ftit wara li ġiet lura minn Sqallija l-Banda Stella Maris ħadet sehem nhar it-30 ta' Awwissu 1928, flimkien mall-baned l-oħra Maltin, fil-funeral ta' Sir Filippo Sciberras li kien President Onorarju tal-baned kollha ta' pajjiżna.

F'Ottubru ta' l-1928, is-Surmast Fundatur Mro. Ferdinando Camilleri wara 14 il-sena fid-direzzjoni





tal-Banda ħalla t-treġija, bil-kunsens unanimu tal-Kumitat, Bandisti u tal-membri, f'idejn ibnu Giuseppe.

**85 Sena Ilu –**

F'Jannar 1933 fis-Seduta Ġenerali ġie elett bħala President is-Sur Carmelo Agius. Huwa dam fil-kariga sa l-1944.

Nhar it-23 t'April 1933 sar it-tberik ta' l-istrumentatura l-ġdida tal-Banda Stella Maris, it-tberik sar mill-Kappillan ta' Stella Maris Dun Rafel Capurro. Din l-istrumentatura li kien ilu jinħass il-bżonn tagħha aktar u aktar meta n-numru tal-Bandisti tal-post kien ilaħħaq fuq mitt ruħ, ġiet tiswa fuq 450Lira ta' dak iż-żmien u ġiet ordnata mingħand id-Ditta Boosey & Hawkes.

L-ewwel Programm bl-istrumentatura l-ġdida mill-Banda Stella Maris sar fl-istess xahar ta' dik is-sena, meta l-Banda daqqet fl-okkażjoni tal-ftuħ tat-Teatru Orpheum tal-Gżira.

**80 Sena ilu –**

Fid-19 ta' Marzu 1938 id-direzzjoni tal-Banda Stella Maris għaddiet f'idejn is-Surmast Anton Muscat Azzopardi.

Fil-Knisja ta' Stella Maris ġiet imżanżna Via Sagra tal-bronz xogħol id-ditta Taljana ta' Varese Fonderija Bianchi li sena qabel kienet għamlet il-qniepen ta' l-istess Knisja. Kien il-Kappillan Capurro li ħa ħsieb jiġbor għal din il-Via Sagra u kull stazzjon ġie jiswa £16.



*Is-Sur Carmelo Agius elett President 85 sena ilu*



*L-istatwa tal-Madonna ta' Fatima Tasal F'Tas-Sliema*




**70Sena ilu-**
Fl-aħħar Sibt ta' Ġunju 1948 waslet f'tas-Sliema fuq yacht l-istatwa l-ġdida tal-Madonna ta' Fatima. Din kienet l-ewwel statwa f'Malta li turi l-Madonna taħt dan it-titlu. Wara li waslet ġewwa x-Xatt ta' Tas-Sliema, l-istatwa tal-Madonna ttieħdet f'purċissjoni sal-Knisja Parrokkjali Matriċi ta' Stella Maris. Ħallas l-ispejjes ta' l-istatwa s-Sur E. Frendo u swiet 150lira. L-istatwa saret minn M. Galea tal-Ħamrun.

**65 Sena Ilu -**
Fl-1 ta' Ġunju 1953, il-Banda Stella Maris daqqet l-Innu Malti kif ukoll dak Ingliż mat-tfal tal-iskejjel ġewwa Pjazza San Ġorġ, fl-okkażjoni tal-Inkoronazzjoni tar-Reġina Eliżabetta II. Dejjem fl-istess Jum fid-9.00p.m. taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Darmanin, il-Banda esegwit Programm Mużikali ġewwa Pjazza Reġina fil-Belt Valletta. Ftit jiem wara jiġifiri fis-6 ta' Ġunju l-Banda Stella Maris dejjem għaċ-ċelebrazzjonijiet ta' l-istess okkażjoni għamlet marċ madwar it-toroq ta' tas-Sliema u wara Programm Mużikali ġewwa Pjazza Annunzjata.

Lejliet il-Festa tas-sena 1953, Il-Prim Ministru ta' Malta, Dr. Ġorġ Borg Olivier ppreżenta standard ġdid tal-Banda lis-Soċjetà tagħna. Il-benefattur ta' din l-opra kien is-Sur Carm Cassar Torreggiani. F'artiklu ieħor f'dan il-ktejjeb f'paġna naqraw dwar ir-restawr li sar fuq dan l-istess standard.

Fl-istess sena nsibu l-Banda Stella Maris tagħti l-aħħar tislima b'daqq ta' marċi funebri fil-funeral tad-Direttur tal-Każin s-Sur Edgar Pandolfino li kien ukoll wieħed mill-fundaturi tas-Soċjetà 39sena qabel.

**60 Sena Ilu -**
Fl-ewwel Kompetizzjoni li nediet il-Malta Band Clubs Association miftuħa għall-Alljevi tal-Baned Maltin kollha, l-alljevi tal-Banda Stella Maris imħejjija mis-Surmast Joseph Darmanin



*L-alljevi li rebħu l-Kompetizzjoni Tal-Band Clubs Association fl-1958*

u l-Assistent tiegħu, Mro. Anthony Abela, rebħu din il-kompetizzjoni. Il-Banda ġiet ippreżentata b'Shield li kellha tinżamm għal sena kif ukoll b'Tazza tal-Fidda(li nsibu fil-Vetrini tas-Soċjetà kif ukoll b'ċertifikat.

**50 Sena Ilu -**
Nhar it-18 ta' Mejju 1968, Numru ta' Emigranti Slimiżi fl-Awstralja ppreżentati fl-okkażjoni minn Mr. Douglas Sturkey, First Secretary tal-Kummissjoni Għolja Awstraljana f'Malta ippreżentaw lill-President Soċjetà n-Nutar Josepg Grech, standard ta' L-Awstralja, Fl-okkażjoni kien hemm bosta membri distinti preżenti fosthom Mons. Isqof Emmanuel Gerada.

**40 Sena Ilu-**
Twaqqfet l-Għaqda ta' L-Armar Festa Stella Maris bl-għan li tieħu ħsieb it-tiżjin tat-toroq tal-Festa.








*Il-Pittura l-Ġdida inaugurata fl-2008*

Din l-Għaqda sa' mit-twaqqif tagħha kienet awtonoma kemm mill-Knisja Parrokkjali kif ukoll mis-Soċ. Fil. Stella Maris.

Il-Ħadd 27 ta' Awwissu 1978 laħqu l-qofol tagħhom il-Festi Ċentinarji ta' l-Ewwel MITT SENA tal-Parroċċa ta' Stella Maris. Dwar dawn il-Festi nsibu artiklu f'paġna 51 ta' dan il-ktejjeb

**35 Sena Ilu –**

F'Seduta Ġenerali li nżammet apposta f'Ġunju ta' l-1983, fuq proposta tas-Sur Herbet Naudi u sekondat mis-Sur Anthony Decarlo, ġie elett b'akklamazzjoni mill-membri bħala President tas-Soċjetà s-Sur Sunny Attard. Huwa ħa post l-Onorevoli Mħallef Dr. Ċensu Scerri, li kien talab l-kumitat ftit ġimgħat qabel jilqa' r-riżenja tiegħu minħabba raġuni ta' saħħa.

**25 Sena Ilu-**

Nhar id-19 ta' Marzu 1993, Dun Raphael Pace ħa l-pussess tal-Parroċċa ta' Stella Maris, s-Seba' wieħed fl-istorja tal-Parroċċa. Huwa dam f'din il-kariġa sa l-2004.

**15 il-Sena Ilu-**

Flimkien mall-Baned l-oħra ta' Tas-Sliema, l-Banda Stella Maris ħadet sehem f'marċ taċ-ċelebrazzjonijiet tar-Rebħ tal-Kampjonat tal-Futbol Malti mit-tim tas-Sliema Wanderers. L-24 wieħed fl-istorja tagħhom. Minbarra s-sehem fil-marċ, il-partitarji ta' Stella Maris ħadu ħsieb jarmaw ix-Xatt ta' Tas-Sliema b'arbli, bnadar u fustuni kif ukoll għamlu Karru Allegoriku.

**10 Snin ilu-**

Fil-Festa ta' L-2008 waqt ir-riċeviment lis-Soċjetà tagħti, ġiet inaugurate pittura li tirrappreżenta lis-Soċjetà fis-saqaf ta' l-intrata tal-Każin. Il-Pittura hija xogħol l-artist Għawdxi Adonai Camilleri Cauchi. Bierek il-Pittura l-Arċisqof Emeritus ta' Malta, Mons. Ġużeppi Mercieca.